# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Il-Pulizija**

**vs**

**Lorraine Vella**

**Illum, 14 ta' Settembru, 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Lorraine Vella detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 223772M, li permezz tagħhom ġiet akkużata li fis-17 ta' Lulju 2018, għal ħabta ta' 14.00hrs, u fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa l-Emerġenza Area 1, fi Sptar Mater Dei, Msida:

1. Ikkaġunat feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' gwardjan tal-ħabs WCO37 Maria Schembri, bil-kapaċità ta' uffiċjal pubbliku skont il-liġi minn servizz pubbliku, hekk kif iċċertifikat minn Dr Alexander Paul Grima Med Reg 4137 mill-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta' Art 221(1) u 222(1)(ċ) ta' Kap 9;

2. Inġurjat jew heddedt jew għamlet offiża fuq gwardjan tal-ħabs WCO37 Maria Schembri, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienet tagħmel jew minħabba li kienet qed tagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżagħha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9;

3. Attakkat jew għamlet reżistenza bi vjolenza jew ħebbet, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra gwardjan tal-ħabs WCO37 Maria Schembri, li hija persuna nkarigata skont il-liġi għas-servizz pubbliku, filwaqt li kienet inkarigata skont il-ligi mis-servizz pubbliku, filwaqt li kienet qiegħda taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija lilha skont il-liġi mill-awtoritajiet kompetenti ,u dan bi ksur ta' Art. 96 tal-Kap 9;

4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, qalet fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti li joffendi l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kap 9;

5. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità, jew ta' wieħed kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallietx jew fixklet waqt li kien qed jagħmel id-dmirjiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9;

6. U aktar talli saret reċidiva ai termini tal-Artikolu 49, 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija lilha, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurtà ta' gwardjan tal-ħabs WPO037 Maria Schembri, flimkien mal-piena u torbot lill-ħatja b'obbligazzjoni taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti ppreżentati;

Semgħet il-provi;

Rat l-artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali;

Semgħet trattazzjoni;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Matul is-smigħ ta' dan il-każ, tressqu varji xhieda u ċioè:

**WCO 37 Maria Schembri** xehdet li fis-17 ta' Lulju 2018, hija kienet xogħol ma' CO 17, u f'xi tmieja u nofs ta' filgħodu, hija nfurmat lil Lorraine Vella u persuna oħra, li ma kinux ser jinfetħu, u li jkollhom jibqgħu ġoċ-ċella, u dana peress li flimkien ma' Vella, kien hemm priġuniera oħra li kienet żgħira. Sostniet li dawn ma ħadux pjaċir b'din l-aħbar. Spjegat li f'xi ħin, Lorraine Vella talbet li ċċempel lill-avukat. Qalet li hija ċemplet u ngħatat l-ordni, bil-konsewgenza li Vella nħarġet minn ġoċ-ċella. Sostniet li Vella talbet li tinfetaħ il-bitħa ħalli tpejjep sigarett. Spjegat li hija ma setgħetx tiftħilha l-bitħa, u din Vella bdiet titkellem ħażin. Sostniet li Vella ċemplet lill-avukat, u waqt li kienet qed iċċempel, qaltilha li tixtieq li dan kollu jiġi fuqha. Spjegat li hija nfurmatha li għandha rapport, u Vella bdiet tinsulentha u titkellem ħażin. Spjegat li Vella ttieħdet lura ġoċ-ċella. Sostniet li wara verifiki li għamlet, irriżulta li in vista tal-atteġġjament tagħha, Vella kienet ser tinżamm imsakkra tlett ijiem. Hija nfurmat b'dan lil Vella, u din reġgħet offendietha. Fl-għaxra u nofs, Vella rrapurtat li kienet belgħet ċavetta. Sostniet li ġew it-tobba jarawha, u għamlulha *referral* għall-isptar.

Sostniet li Vella ngħatat il-permess li tinħasel, u anke fetħulha l-bitħa. Sostniet li meta kienet dieħla mill-bitħa, Vella marret għal fuq it-telefon u wżat it-telefon, minkejja li hija qaltilha li ma setgħetx tużah minħabba l-ħin. Spjegat li sussegwentement, inħaslet u ttieħdet l-isptar. Qalet li meta kienu fl-Emerġenza, Vella bdiet tgħidilha minn taħt l-ilsien, li ser tpattihielha. Sostniet li daħħluha biex tagħmel l-ECG, u Vella talbet li jitneħħew il-manetti, iżda n-ners qalet li m'hemmx għalfejn jitneħħew, u għalhekk, Vella baqgħet bil-manetti. Hija baqgħet dejjem wiċċha lejn Vella. Spjegat li wara li sar l-ECG, Vella kienet tidher trankwilla, iżda malli qamet bilwieqfa, libset il-karkur, u mbagħad għamlet pass u tat is-salt għaliha. Spjegat li kien hemm CO 126 li żamm lil Vella milli ma tibqax taħtaf xagħarha u tigrifiha. Spjegat li Vella attakkatha f'xagħarha u f'għonqha.

In kontroeżami, hija sostniet li hija dejjem għamlet xogħolha, u ma daħlet fl-ebda battibekk ma' Vella. Hija biss kienet skorta mara, u għalhekk, ma setax jakkumpanja lil Vella xi ħaddiehor. Fissret li meta xi ħadd imur ġoċ-ċella għal tliet ijiem, ifisser li tmur ġo ċella tal-*confinement*. Ir-rapport li sar kontra Vella kien minħabba li offendiet uffiċjal. Hija kkonfermat li r-rapport sar wara li Vella offendietha. B'kollox hija qalet li għamlet żewġ rapporti f'żewg minuti peress li hekk kien hemm bżonn li jsir. Hija kkomunikat dan il-fatt mal-maġġur tas-*Central*. Sostniet li meta skortaw lil Vella l-isptar, kienu preżenti hi stess bħala l-unika mara skorta, u żewg uffiċjali oħra rġiel. Kienet l-unika mara li baqgħet

ma' Vella meta kienet qed tiġi eżaminata. Spjegat li Vella kienet minduda, u imbagħad qamet bilqiegħda. Sussegwentement, qamet bilwieqfa u libset il-karkur. Spjegat li dan kollu sar bil-mod. Imbagħad Vella għamlet pass u imbagħad ġiet iktar qrib tagħha u tatha s-salt. Sostniet li b'idejha, għalkemm kienet immanettjata, Vella qabditilha għonqha u xagħarha minn quddiem. Hija kkonfermat li kienet wiċċha lejn Vella. Sostniet li kaġun ta' dan l-inċident, hija spiċċat b'ammont ta' xagħar nieqes.

**CO 126 Matthew Galea** xehed li fis-17 ta' Lulju 2018, huwa kien skorta ma' Lorraine Vella, fejn ittieħdet Mater Dei. Spjega li huwa qgħad jistenna barra sa xħin sar l-ECG, filwaqt li WC037 baqgħet magħha. Spjega li kif lestew, huwa daħal, u kif daħal, jara lil Vella tilbes il-karkur. Spjega li kif libset il-karkur, Vella qabbdet lil WC O37 minn għonqha. Sostna li huwa beda jgħid lil Vella biex titlaqha. Spjega li nqala' xi xagħar ta' WCO37. Spjega li Vella baqgħet aggressiva u ttieħdet fil-vann. Sostna li Vella bdiet tgħid li WC037 kienet qed taqbad magħha. Ikkonferma li x'ħin Vella ħebbet għall-gwardjana, l-istess Vella kienet immanettjata. Ikkonferma li Vella ma tatx ċans u aggredit lill-gwardjana. Qal li Vella qabditha minn għonqha u kellha xagħarha f'idejha. Spjega li x'ħin ġibdu lil Vella, nqala' x-xagħar tal-gwardjana u waqgħet. Spjega li mbagħad, Vella ġiet iċċertifikata biex terġa' tmur lura l-ħabs.

In kontroeżami, huwa spjega li meta kien dieħel wara l-ECG, Vella kienet niżlet minn fuq l-i*stretcher*, u kienet qed tilbes il-karkur. Spjega li ma ntqal l-ebda kliem, sempliċiment Vella ħebbet għall-gwardjana. Huwa nsista li uża forża minima ma' Vella. Kien prudenti u kemm qabadha minn idejha. Sostna li hu ma jafx li Vella soffriet grieħi. Spjega li Vella kienet ittieħdet Mater Dei minn Monte Carmeli. Spjega li Vella kienet belgħet ċavetta f'Monte Carmeli. Huwa ma jafx għalfejn Vella kienet tinsab Monte Carmeli.

**C017 Robert Abdilla** xehed li huwa kien xogħol ma' WCO37 Maria Schembri fis-17 ta' Lulju 2018. Spjega li għal ħdax neqsin kwart, ġie nfurmat li Lorraine Vella kienet belgħet ċavetta. Spjega li ċemplu lit-tabiba u ġiet tinviżtha. Spjega li huwa kien ilu xogħol minn filgħodu, u qabel, kienu ġraw xi affarijiet, fis-sens li Lorraine Vella bdiet tgħaddi kummenti lil WCO37, u sa anke offendiet lil WCO37 bil-mejtin. Spjega li WCO37 kienet irrapurtat lil Vella, u ġie l-ordni li tinqafel għal tliet ijiem. Imbagħad wara dan, beda l-inċident li Vella belgħet ċavetta. Spjega li meta persuna tinqafel għal tlett ijiem, ifisser li jkollha siegħa kuljum biss li tista' toħroġ.

Sostna li peress li Vella belgħet ċavetta, it-tabib li eżaminaha, bagħat lil Vella għal testijiet Mater Dei. Spjega li Vella ddaħħlet għal ECG, u daħlet magħha WCO37. Spjega li kif lesta kollox u l-bieb kien miftuħ, huwa ra lil Vella tilbes il-

karkur, tqum u tiggranfa lill-gwardjana minn għonqha. Sostna li Vella għamlet varji grif b'dufrejha f'għonq WCO37, u qalatilha balla xagħar. Insista li kien hu u CO 126 li qalgħu lil Vella minn fuq WCO 37. Spjega li Vella kellha idha ma' għonq WCO37. Spjega li huwa ġibed lil WCO37, u l-uffiċjal l-ieħor ġibed lil Vella minn idejha.

In kontroeżami, huwa kkonferma li kien ilu xogħol minn filgħodu. Huwa qabel li dakinhar, kien hemm priġuniera ta' tmintax-il sena, u Lorraine Vella ġiet infurmatha li mhux ser titħalla toħroġ għax kien hemm xi ħadd taħt l-età. Spjega li kien hemm inċident wieħed fejn WCO37 ġiet insulentata minn Lorraine Vella. Spjega li l-ordni li Lorraine Vella tagħmel tlett ijiem maqfula ġoċ-ċella, ingħatat mill-Maġġur tas-*Central Hall* tal-ħabs. Din l-ordni nġabet billi WCO37 ċemplet u għamlet rapport. Ikkonferma li Vella ttieħdet Mater Dei fuq ordni tat-tabib. Huwa sostna li ma sema' l-ebda diskors ġol-kamra ta' Mater Dei wara li sar l-ECG. Huwa sostna li lanqas jaf li Vella soffriet xi ġrieħi.

Sostna li Lorraine Vella kienet ilha Monte Carmeli mill-ġurnata ta' qabel mid-disgħa ta' filgħaxija. Spjega li meta ngħatat l-ordni li Vella tinqafel għal tlett ijiem, ifisser li jkollha siegħa biss biex toħroġ, mentri f'każijiet normali, priġunieri joħorġu fit-tmienja nieqes kwart san-nofs siegħa, u mbagħad mis-sagħtejn sat-tmienja.

**L-Ispettur Bernardette Valletta** xehdet li fis-17 ta' Lulju 2018, ġiet infurmata li ġara inċident f'Mater Dei, bejn ċertu Lorraine Vella u WCO37. Hija tkellmet ma' WCO37, li spjegatilha kif seħħ l-inċident li fih spiċċat sofriet xi grieħi. Tkellmet ukoll ma' Lorraine Vella, li kienet ħadet il-parir legali tal-Avukat tal-Għajnuna Legali, u għażlet li ma tweġibx, ħlief li sostniet li jiddispjaċiha, u jiddispjaċiha wkoll ta' kif imxew magħha, u li l-affarijiet qatt ma kellhom jaslu s'hawn. Spjegat li Vella kienet ser tiġi kkastigata talli offendiet lil WCO37, billi tinqafel għal tlett ijiem. Dwar dan l-inċident fejn ħebbet għal WCO37, hija ma għamlitx komunika mal-Ħabs biex tara jekk Vella ngħatatx xi kastiġ.

**PC 732 Melvin Galdes** spjega li fis-17 ta' Lulju 2018, kien stazzjonat Mater Dei, u sab lil *Security Officer* Matthew Galea jikkontrolla s-sitwazzjoni. Kien hemm preżenti Lorraine Vella. Kien hemm għajjat, u mbagħad Vella ġiet ikkontrollata. Sostna li sussegwentement, ġie avviċinat minn WCO37 Maria Schembri, li nfurmatu li kienet ġiet attakkata minn Lorraine Vella, u li Vella kienet ġibditilha xagħarha u għamlitilha grif ma' għonqha.

**WPS 256 Leanne Sant** xehed li fis-17 ta' Lulju 2018, hija ġiet infurmata li kienet ġiet attakkata gwardjana ġewwa Mater Dei. Spjegat li ngħatat d-dettalji tal-persuni nvoluti, u kif ukoll ċertifikat mediku tal-ġrieħi sofferti mill-gwardjana.

**Dr David Cini** xehed li huwa stazzjonat bħala tabib ġewwa Monte Carmeli, u eżamina lil Lorraine Vella fis-17 ta' Lulju 2018. Hija kienet qed isofri minn xi ġriehi ta' natura ħafifa. Huwa eżamina lil Vella wara li hija rritornat lura Monte Carmeli wara ż-żjara tagħha fl-Isptar Mater Dei. Huwa spjega li kien għamel eżami tal-istat mentali ta' Vella, u in fatti, ippreżenta n-notamenti li kien għamel.

**Dr Alexander Paul Grima** kkonferma ċ-ċertifikat mediku a fol 6 tal-proċess. Spjega li dan iċ-ċertifikat jikkonċerna lil Maria Schembri, u sar fis-17 ta' Lulju 2018. Ġiet iċċertifikatha li qed issofri minn ġrieħi ħfief. Dawn kienu tbenġila żgħira fuq in-naħa tal-lemin ta' fuq ta' rasha, taħt il-linja tax-xagħar, erba' marki ħomor u brix fuq l-id tax-xellug, u fuq in-naħa tax-xellug ta' għonqha. Kien hemm marka ħamra fuq in-naħa ta' fuq tal-id tal-lemin, u linja ħamra u brix fuq in-naħa ta' isfel tal-id tal-lemin. Kien hemm barxa fuq in-naħa ta' ġewwa fuq id-difer fuq in-naħa tal-lemin ta' fuq. Sostna li kien hemm ukoll *linear abrasion on the inside of the right upper helix.* Qal li ġie nfurmat li l-pazjenta kienet ġiet aggredita. Huwa ma jiftakarx x'kulur kienet it-tbenġila li eżamina.

**Svetlana Bezzina** addetta mad-Dipartiment tal-Probation u Parole, ippreparat *Social Inquiry Report* li fih spjegat li Vella għandha fedina penali li minnha jirriżulta li kienet involuta mal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali f'bosta okkażżjonijiet. Spjegat li din bdiet dan l-involvment mal-qrati ta' età ta' taħt it-tmintax-il sena. Sostniet li bħalissa, Vella qed tiskonta sentenza ta' ħabs effettiva, u li kienet ingħatat varji sentenzi alternattivi għal prigunerija preċedentement. Spjegat li Vella trabbiet f'kuntest familjari diffiċli. Vella hija omm ta' tlieta. Spjegat li għandha storja ta' użu ta' droga. Spjegat li applikat għal programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni. Meta ġiet mitkellma l-vittma, din qalet li ma kienx hemm inċidenti oħra, iżda li dan l-inċident ħalla impatt negattiv fuq l-istess vittma. Spjegat li mill-2007, kien hemm 77 rapporti ta' imġieba negattiva.

**Anabel Cauchi** xehdet li ilha taħdem il-ħabs 31 sena, u ilha taf lil Vella 'l fuq minn 25 sena. Spjegat li kemm ilha stazzjonata fil-Female Section għal din l-aħħar sena u tliet xhur, hija tqis lil Vella bħala priġuniera eżemplari. Setgħet tinħareġ għal *community work.* Bħalissa qed taħdem f'*Tailor Shop* tagħmel il-maskri. L-attitudni tagħha nbidlet kompletament. Lorraine Vella qed tmur tajjeb ukoll ma' priġunieri l-oħra. Spjegat li Vella kienet waħda mill-imqarbin, għaliex l-attitudni tagħha ma kinitx sabiħa. Spjegat li l-attitudni tagħha mpruvjat ħafna.

**Maria Vassallo** xehdet li Vella nbidlet ħafna u marret għall-aħjar. Qabel kienet *trouble maker* u taqla' l-ġlied. Spjegat li issa nbidlet, u għandha relazzjoni tajba mal-priġunieri u mal-uffiċjali.

**Dr Claire Axiaq** spjegat li hija ġieli eżaminat lil Lorraine Vella, għaliex kien ikollha ħafna uġigħ il-ħabs, u kif ukoll dwejjaq. Spjegat li Vella dejjem ġabet ruħha tajjeb magħha. Spjegat li lejn l-aħħar li kienet tmur il-ħabs, kienet tiddejjaq għax kien hemm ħafna sikkatura, iżda kienet tieħu pjaċir b'Vella, għaliex kienet qed tipprova tirriforma ruħha, u kienet qed tagħmel xi ganutell. Spjegat li Vella kienet tafda ħafna fiha, u hi kienet tieħu pjaċir titkellem magħha.

**Maria Caruana,** rappreżentanta tal-Caritas, ikkonfermat li l-imputata qed isegwi programm residenzjali li huwa mmirat, kemm għal nisa li jidħlu minn barra għall-programm, u kemm li jkunu fil-Faċilità u jridu jagħmlu l-aħħar ftit tax-xhur tas-sentenza fil-programm, jigifieri l-programm jilqa' żewg aspetti ta' nisa. Vella hija waħda mill-persuni li ġejjin mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Spjegat li biex tidħol f'dan il-programm, irid isir *assessment.* Vella marret tajjeb fih, u fl-4 ta' April telgħet fil-programm. Spjegat li l-programm ikun twil disa' xhur normalment, biss fil-każ ta' Lorraine Vella, din tista' toħroġ qabel, u r-raġuni hi li s-sentenza ma tantx fadlilha, fis-sens, tista' tapplika għal xi *parole*, u jekk tingħata, id-disa' xhur ma tagħmilhomx kollha, però deċiżjoni tagħha.

Spjegat li f'dan il-programm, hemm struttura li qed tirrispondi tajjeb ħafna Lorraine fiha. Spjegat li Vella waslet f'punt li qed taqta' ħafna mediċina milli kienet tieħu minħabba l-abbuż tad-droga. Spjegat li hija tagħmel id-*duties* tagħha. L-andament tagħha huwa wieħed pożittiv.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti, irriżulta li WCO37 Maria Schembri, ġiet ikkaġunata ġrieħi ta' natura ħafifa. Dan jirriżulta kemm mix-xhieda mogħtija mix-xhieda okulari, kif ukoll mill-vittma nfisha. In-natura tal-ġrieħi ġiet ukoll stabbilita minn eżami taċ-ċertifikat mediku rilaxxat, u kif ukoll mix-xhieda tat-tabib li kien eżamina lill-istess vittma. Irriżulta wkoll l-aggravvju, ai termini tal-Artikolu 222(1)(ċ) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni, l-imputata tinsab akkużatha ai termini tal-Artikolu 95 u l-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif ġie spjegat ben tajjeb minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fis-27 ta' Frar, 2013,

Numru. 652/2011, fid-deċiżjoni fl-ismijiet, Il-Puliżija (Spettur Kevin J. Farrugia) vs Renald Briffa:

*"Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta' l-uffiċjal pubbliku. Illi għalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistgħu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenżjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.*

*Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-uffiċjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1)filwaqt illi ikun qed jagħmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun għamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*

*"Illi l-awturi jagħmlu distinżjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanża u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanża imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-uffiċjal pubbliku ikun qiegħed jagħti is-servizz ma huwiex neċessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qiegħed jeżerċita.*

*L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tiegħu, igħidu:*

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

*Kuntrarjament fiż-żewġ istanzi l-oħra irid ikun jiġi ippruvat nexus bejn l-oltraġġ u il-qadi tal-funzjoni pubblika.*

*Illi finalment ir-reat irid neċessarjament jiġi kommess fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.*

*Illi l-artikolu 96, imbagħad, għalkemm ukoll għandu bħala vittma, l-uffiċjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali għal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:*

*1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi ikun hemm biss disubbidjenza tal-liġi jew ta' ordni mogħtija minn xi awtorita' għalhekk mhux suffiċjenti għal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli igħid:*

*"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith."*

*Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.*

*Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun neċessarjament akkompjanta bl-użu tal-forza, vjolenza jew bil-ħebb.*

*Għalhekk insulti jew theddid qatt ma jistgħu iwasslu għal ħtija taħt dina id-dispożizzjoni tal-liġi.*

*2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jiġi komess fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew kif tgħid testwalment il-liġi "persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti tagħmel referenza għal dak sottolinjat iktar 'il fuq u ċioe' illi huwa neċessarju illi għalkemm tali persuna mhux neċessarjament għandha tkun libsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi il-kapaċita li fiha qed taġixxi, madanakollu ix-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija uffiċjal pubbliku hija neċessarja. Altrimenti il-mens rea għal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.*

*3. Fl-aħħarnett huwa neċessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-uffiċjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qiegħed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli igħid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawża fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace, deċiża fis-26 ta' Mejju 2016, qalet :

*"L-artikolu 96, imbagħad għalkemm ukoll għandu bħala vittma, l-uffiċjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali għal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:*

*1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-liġi jew ta' ordni mogħtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reat taħt din id-disposijoni tal-liġi. Il-Mamo ikompli igħid: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith." Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun neċessarjament akkompjanta bl-użu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.*

*2. Fit-tieni lok ir-reat irid jiġi komess fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew kif tgħid testwalment il-liġi "persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku".*

*3. Fl-aħħarnett, huwa neċessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-uffiċjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qiegħed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jgħid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

Fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-9 Settembru 2002, ġie deċiż:

*"Dana l-artikolu (b'referenza għall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku" (l-istess bħalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), iżda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed taġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' xi ordni mogħti skond il-liġi minn xi awtorità kompetenti."*

Din il-Qorti tqies li mill-provi prodotti, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova dawn l-imputazzjonijiet. Kif ġie sottolinjat minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fil-kawża fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Jerkin Decelis, deċiża fit-22 ta' Novembru 2013:

*"L-imputat kien fid-dmir li, mingħajr paroli u xenati żejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu ġew mogħtija lilu mill-Pulizija …L-ordnijiet leġittimi mogħtija mill-Pulizija liċ-ċittadin ma humiex hemmhekk biex jiġu konstestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-*

*riċevent. Qegħdin hemmhekk biex jiġu obduti – dejjem u mingħajr dewmien, għalkemm bla preġudizju għad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama wara l-ġustizzja intrinseka ta' dik l-ordni. Altrimenti jkun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd taġixxi kif trid u jogħġobha mingħajr hadd ma jista' jżommha jew irażżanha. Niġu fi stat ta' ġungla – l-antiteżi tal-ordni meħtiġa biex il-ħajja soċjali tkun tista teżisti f'armonija relattiva."*

Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta, fil-kawża fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Elliott Magro) vs Joanne Agius, deċiża fis-16 ta' Ġunju, 2020, fejn intqal:

*"Dawn iz-zewg reati jirrigwardaw reati li jkunu sehhew fil-konfront ta' ufficjal pubbliku. Illi ghalkemm f'dan il-kaz ikunu sehhew fuq ufficjal pubbliku, hemm differenza bejn iz-zewg reati msemmija f'dawn l-artikoli 95 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi jekk wiehed ihares lejn l-Artikolu 95 dan jitkellem fuq l-ingurja, it-theddid jew l-offiza li ssir fuq il-persuna ta' ufficjal pubbliku (1) waqt illi dan ikun qed jaghmel servizz pubbliku; jew (2) minhabba li jkun ghamel dan is-servizz; jew (3) bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*

*Sabiex jigi spjegat aktar dak li hemm fl-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sejra ssir referenza ghal dak li jghid il-Professur Mamo meta jikkwota lill-awturi Cheveau et Helie fejn jghid hekk:*

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignità; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

*Il-Professur Mamo jkompli jellabora fuq din il-kwistjoni fejn ir-reat ikun sehh fuq ufficjal pubbliku jew inkella persuna li tkun inkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku u jghid hekk:*

*"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

*Illi maghdud ma' dan hemm dak li jissemma fl-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi sabiex jigi spjegat b'mod aktar, sejra ssir referenza ghal dak li hemm fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' April 2017 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Clayton Baldacchino, fejn gie spjegat fid-dettal ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96:*

*"1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-dispozizzjoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith."*

*Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.*

*2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".*

*3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

*.....Anki fis-sentenza l-Pulizija vs Lawrence Attard tat-12 ta' Settembru 1996, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:*

*"Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa ikun certament qieghed jezegwixxi il-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi 'ghall-esekuzzjoni tal-ligi' fis-sens ta' l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95."*

Irriżulta li entrambi dawn l-imputazzjonijiet, ġew ippruvati lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, mix-xhieda mogħtija. Il-vittma kienet uffiċjal pubbliku li kienet qiegħda waqt il-ħin tas-servizz. Bl-aġir tagħha, l-imputata attakkat lill-parte ċivile u kkaġunatilha offiża fuq il-persuna tagħha. Din ma kinitx sitwazzjoni ta' diżubbidjenza tal-liġi jew ta' ordni mogħtija biss, iżda kien hemm proprju attakk mill-imputata biex tpattiha lill-parte ċivile, li kienet għadha kemm irrapurtatha minħabba l-atteġġjament preċedenti tagħha.

Dwar ir-raba' imputazzjoni u s-seba' imputazzjoni, din il-Qorti tqis li ma tressqux provi li l-imputata, waqt li kienet fl-Emergenza Area 1 fi Sptar Mater Dei, qalet fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew li inġurjat bi kliem jew b'mod ieħor lil Maria Schembri. Mill-provi rriżulta li l-inġurji ntqalu mhux fl-isptar Mater Dei, iżda meta seħħ l-inċident f'Monte Carmeli.

Dwar il-ħames imputazzjoni, din il-Qorti tqis li din ġiet ippruvata, kif ukoll ġiet ippruvata s-sitt imputazzjoni. Dawn jirriżultaw b'mod evidenti mix-xhieda prodotta.

Dwar ir-reċidiva taħt l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li r-reċidiva hija reat u akkuża per se, u għalhekk titlob li tinġieb l-aħjar prova sabiex jiġi żgurat li persuna tinstab ħtija jew le, skont il-każ. Fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Abela Paul, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004, intqal:

> *"L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:*
>
> *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`.*
>
> *Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

U fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Joseph Zahra, mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

> *"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti -permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati*

*mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Illi f'din il-kawża ġiet eżebita biss il-fedina penali tal-imputata. Kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova din l-imputazzjoni, ħaġa li ma saritx. Illi fid-dawl tal-fatt li ma ġiex ippruvat l-Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, f'dan il-każ, lanqas tista' tinstab ħtija għal dak li hemm fl-Artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar piena, din il-Qorti kkunsidrat in-natura serja ta' wħud mill-imputazzjonijiet, kif ukoll il-fedina penali tal-imputata. Madanakollu, irriżulta li dan l-aħħar, l-imputata qiegħda fit-triq it-tajba, u l-atteġġjament tagħha mar ħafna għall-aħjar. Qiegħda wkoll tattendi programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni. Huwa minnu li mill-fedina penali tal-imputata, jidher li l-imputata ngħatat varji opportunitajiet biex tirriforma ruħha, iżda baqgħet tippersisti fl-aġir tagħha, tant li mbagħad ngħatat sentenzi ta' priġunerija effettiva. Iżda l-Qorti tqis li issa li l-imputata qiegħda fit-triq it-tajba, l-istess imputata għandha tingħata l-opportunità li tirriforma ruħha. Għalhekk ma tqisx li sentenza ta' priġunerija effettiva hija l-piena idoneja għal dawn l-imputazzjonijiet li ser tinstab ħatja dwarhom.

In oltre, dwar il-piena, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mal-Artikolu 95 u 96 tal-Kap 9 ta' Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tqis li għandha tagħmel referenza għal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-10 ta' Lulju 2015, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) v. Peter Paul Said:

*"L-aggravji tal-appellant Avukat Ġenerali jikkonsisti sostanzjalment filli jilmenta li l-piena erogata mill-ewwel Qorti ma hix tax-xorta li trid il-liġi peress li l-artkolu 96(a) tal-Kodici Kriminali fic-cirkostanzi tal-kaz kien jipprovdi ghal piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa sentejn u ghal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (4,000) u mhux izjed minn ghaxart elef euro b'mod li l-ewwel qorti kellha necessarjament timponi kemm is-sanzjoni ta' priġunerija kif ukoll il-multa mentri l-ewwel qorti naqset milli timponi multa.*

*11. L-imputat appellat, minn naħa tieghu, isostni li l-Avukat Generali qieghed jinsisti li l-piena li ghalih huwa suggett ir-reat li tieghu l-appellat instab hati teskludi l-possibilita tal-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 446 u jissottometti li dan ma hux korrett ghaliex id-dispozizzjoni relevanti li tirregola meta tista' u meta ma tistax tigi applikata probation fil-konfront ta' persuna misjuba ħatja ta' reat*

*huwa l-artikolu 7 tal-istess Kap. 446 li jipprovdi li l-qorti tista' taghmel ordni ta' probation biss jekk il-persuna tigi dikjarata hatja ta' reat "li ma jkunx reat punibbli biss b'multa jew ammenda" li ma hux il-kaz tar-reat li tieghu l-imputat nstab ħati.*

*12. L-imputat appellat ghandu sostanzjalment raġun. Jinghad "sostanzjalment" ghaliex l-appellant ma ghandux raġun fejn jallega li l-Avukat Generali qieghed jippretendi li l-piena prevista mill-artikolu 96(a) teskludi l-possibilita tal-applikazzjoni tal-Kap 446. Dak li jilmenta minnu l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu hu li l-ewwel qorti qieghdet lill-appellat taht ordni ta' probation biss (sottolinear tal-Avukat Generali) u jzid li l-ewwel qorti riedet ukoll tassattivament tinflggi multa (sottolinear tal-Qorti). Jidher car, ghalhekk, li l-Avukat Generali jsostni li ghalkemm ma hux eskluz l-applikazzjoni tal-Kap 446 l-ewwel qorti hi tassattivament meħtieġa mil-ligi li timponi dejjem multa f'ammont li jkun jinkwadra fil-parametri previsti mill-artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali.*

*13. B' danakollu, l-appellat ghandu ragun fejn isostni li l-interpretazzjoni li l-Avukat Generali jrid jaghti lill-artikolu 96(a) imsemmi ma hix sostenibbli fid-dawl tad-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kap 446. Ma hemm xejn fl-artikolu 96(a) msemmi jew band' oħra fil-Kodici Kriminali, jew f'xi ligi ohra, li jeskludi l-applikazzjoni ta' xi mizura prevista fil-Kap 446 bhala alternattiva ghas-sentenza prevista ghall-htija tar-reat taht l-artikolu 96(a). Minn naħa l-ohra, l-artikolu 7(1) tal-Kap 446 jipprovdi li l-qorti tista' "minflok taghti sentenza dwar il-hati" taghmel ordni ta' probation, u dan hu li setghet taghmel, u li ghamlet, l-ewwel qorti. Minflok tat is-sentenza ta' prigunerija u multa prevista fl-artikolu 96(a) iddecidiet li taghmel ordni ta' probation. Is-subartikolu (2)(a) tal-istess artikolu, imbghad, jipprovdi li ordni ta' probation tista' biss issir jekk persuna tigi dikjarata hatja ta' reat, li hu l-kaz tal-imputat. L-ordni ta' probation, skont l-imsemmi subartikolu (2)(a), ma tistax issir jekk ir-reat ikun punibbli b'multa jew ammenda biss, li ma hux il-kaz tar-reat taht l-artikolu 96 fejn ir-reat hu punibbli bi prigunerija u multa. Ghalhekk id-decizjoni tal-ewwel qorti li taghmel l-ordni ta' probation li ghamlet hi konformi ma l-artikolu 7(1) tal-Kap 446 li jissanzjona l-istess ordni ta' probation minflok is-sentenza prevista fl-artikolu 96(a) ghall-htija tar-reat taht l-istess artikolu. Ghalhekk ma hemm xejn censurabbli fis-sentenza appellata."*

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament, u sejra tgħaddi biex tagħti bħala piena, ordni ta' probation mingħajr ma' timponi l-ħlas tal-multa relattiva.

**Deċide**

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputata ħatja tar-raba', tas-seba' u tat-tmien imputazzjoni, u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 221(1), 222(1)(ċ), 95, 96, 338(dd) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputata ħatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet, iżda peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħatja titqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet snin mil-lum, b'dan li għal dan l-iskop, qiegħda tordna li l-istess ħatja titqiegħed taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-Probation indikat lilha mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess, u anness ma din is-sentenza, u li jifforma parti integrali minnha.**

**In oltre u b'applikazzjoni tal-Artikoli 382A u 412C tal-istess Kapitolu 9, biex tipprovdi għas-sigurtà ta' WCO 37 Maria Schembri, qed tpoġġi lill-imputata taht Ordni ta' Trażżin għal perjodu ta' tliet (3) snin, b' dana li l-Qorti qed (a) tipprojbixxi jew tirrestrinġi lill-imputata milli tavviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' WCO 37 Maria Schembri; (b) tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-aċċess mill-imputata ġewwa fond fejn WCO 37 Maria Schembri tkun qiegħda tgħix, taħdem jew tiffrekwenta wkoll jekk l-imputata ghandha xi interess legali f'dak il-fond; u (ċ) tipprojbixxi lill-imputata milli tikkuntattja jew timmolesta lil WCO 37 Maria Schembri.**

**In oltre, stante li din il-Qorti tqis li hemm iċ-ċirkostanzi kollha meħtieġa għalxiex isir ordni taħt l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li l-Qorti tqis li huwa meħtieġ li l-ħatja tiġi mgħejjuna tegħleb diffikultajiet psikoloġiċi u anke vizzju ta' abbuż ta' sustanzi illeċiti, il-Qorti qiegħda tpoġġi lill-ħatja taħt Ordni ta' Trattament, u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament, u dan għal perjodu ta' tliet snin mil-lum, u dan skont id-Digriet anness ma' din is-sentenza, u inoltre, il-Qorti tordna lid-Direttur tal-Probation sabiex jara li l-istess Ordni jiġi mwettaq skont il-Liġi.**

**A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation, kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza, u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, tista' tingħata sentenza għar-**

**reati li tagħhom instabet ħatja b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti, f'każ ta' nuqqas ta' adezjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.**

**Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti tal-lum stess, għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħatja.**

**Stante illi ma nħatru ebda esperti f'dawn il-proċeduri, il-Qorti m'hijiex qiegħda tordna l-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Maġistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja

Deputat Reġistratur